MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Numru. 507/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**FTHI EMHMED ABDUL SALAM ZUWMH ta' 35 sena, iben Emhmed u Fatma nee' Ebrhim, imwieled nhar l-1 ta' Lulju, 1974, residenti x'imkien ir-Rahal Gdid, detentur ta' passaport Libjan numru mhux maghruf;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **FTHI EMHMED ABDUL SALAM ZUWMH** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Mejju, 2010 ghall-habta tal-hamsa

neqsin kwart ta' fil-ghodu (5.45am) fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 157 Brian Mifsud u PC 1354 Claudio Coppola, PC 68 Jeffrey Zammit, u PC 1351 Edward Farrugia, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli ingurja, heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS 157 Brian Mifsud u PC 1354 Claudio Coppola, PC 68 Jeffrey Zammit, u PC 1351 Edward Farrugia persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

4. U aktar talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkunu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor;

5. U aktar talli f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni qieghda ssib lill-imputat hati, u dan wara li rat l-Artikoli 94, 95, 96, 339, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1) ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------